MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2014

Rikors Numru. 884/2013

Eileen **BUSIETTA**

vs

Adrian **BUSIETTA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-13 ta’ Settembru, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra u debitament maħlufa, r-rikorrenti talbet li din il-Qorti tordna jew tirrendi mill-ġdid eżegwibbli għall-finijiet tal-artikolu 258(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-kuntratt ta’ firda personali magħmula bejnha u żewġha l-intimat f’kuntratt pubbliku tas-17 ta’ Ġunju, 1982, fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta’ Settembru, 2013, li bih qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tat-12 ta’ Novembru, 2013;

Rat li l-intimat naqas li jressaq tweġiba għat-talba tar-rikorrenti minkejja li laqa’ n-notifika tal-att tar-Rikors u tal-Avviż tas-Smigħ[1];

[1] Paġġ.11 *tergo* u 12 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Novembru, 2013[2], li bih tat direttivi lir-rikorrenti biex tressaq prospett dettaljat u maħluf tal-pretensjonijiet tagħha;

Rat in-Nota Maħlufa mressqa mir-rikorrenti fil-5 ta' Diċembru, 2013[3], li magħha kien hemm mehmuż prospett tal-kreditu li hija tippretendi li huwa dovut lilha mill-intimat żewġha bħala arretrati ta' manteniment;

Rat in-Nota ta' Riferenzi ulterjuri mressqa mir-rikorrenti fit-30 ta' Jannar, 2014[4];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tar-rikorrenti;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Jannar, 2014, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni biex kuntratt pubbliku ta' firda personali jkun dikjarat eżegwibbli mill-ġdid fir-rigward ta' arretrati ta' manteniment li waħda mill-partijiet intrabtet li tħallas lill-parti l-oħra. Ir-rikorrenti tgħid li żewġha l-intimat ilu ma jħallasha manteniment miftiehem fil-kuntratt ta' firda personali għal bosta snin u trid li tirrendi eżekuttiv mill-ġdid l-imsemmi kuntratt ħalli tkun tista' toħroġ l-atti eżekuttivi meħtieġa biex tiġbor dak li jistħoqqilha;

Illi l-intimat ma ikkontestax il-kawża, iżda b'daqshekk ma jfissirx li ammetta t-talba, iżda ħalla f'idejn il-Qorti biex tqis is-siwi tat-talba tar-rikorrenti;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-każ</u> jirriżulta li r-rikorrenti u l-intimat kienu miżżewġin lil xulxin, iżda kienu nfirdu konsenswalment bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku tas-17 ta' Ġunju, 1982[5]. Fost l-oħrajn, l-intimat kien intrabat li jħallas lil martu r-rikorrenti s-somma ta' tliet mitt lira Maltin (Lm 300)[6] għaliha u għal binhom minuri, u dan taħt il-kundizzjonijiet hemm imfissra. L-aħħar ħlas ta' manteniment li sar kien f'April tal-2005, imma b'riferenza għax-xhur bejn Marzu u Ġunju tal-1994[7];

---

[2] Paġ. 21 tal-proċess
[3] Paġġ. 15 – 6 tal-proċess
[4] Paġġ. 21 – 6 tal-proċess
[5] Dok "EB1", f'paġġ. 2 – 9 tal-proċess
[6] Li jġibu €698.81 fi flus tal-lum
[7] Dok "EB2", f'paġ. 18 tal-proċess

Illi r-rikorrenti fetħet din il-kawża fit-13 ta' Settembru, 2013;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali dwar din l-azzjoni jintrabtu man-natura tal-azzjoni nnifisha, li r-rikorrenti espressament rabtitha mal-artikolu 258(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi dak l-artikolu jrid li "*Wara - ... (ċ) l-għeluq ta' tliet snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut*";

Illi l-eżekuzzjoni ta' kuntratt riċevut minn nutar pubbliku jew uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, u meta dak il-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt[8], "*ma tistax issir ħlief wara jumejn għall-anqas min-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju*"[9];

Illi l-imsemmi artikolu 258 huwa espressament maħsub biex jirregola l-eżekuzzjoni ta' titoli eżekuttivi li jkun għadda minn fuqhom żmien minn meta setgħu jkunu eżegwiti. Dan huwa hekk għaliex kull titolu eżekuttiv għandu ħajja limitata u determinata sa meta tista' ssir l-eżekuzzjoni tiegħu. Wara li jgħaddi ż-żmien preskritt, tista' titħaddem il-proċedura msemmija fl-artikolu 258;

Illi l-Qorti tagħraf li l-imsemmi artikolu 253 mhuwiex wieħed eżawrjenti f'dawk li jitqiesu titoli eżekuttivi, u dan għaliex fi bnadi oħrajn jeżistu dispożizzjonijiet ta' liġi li jgħidu li kreditu jew deċiżjoni partikolari jitqiesu bħala titoli eżekutivi b'riferenza għall-imsemmi artikolu 253 tal-Kap 12. Huwa aċċettat ukoll li kuntratt ta' firda personali jagħti titolu eżekuttiv, minkejja li ma jissemmiex fl-artikolu 253[10];

Illi huwa minnu li l-artikolu 258 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jsemmi biss it-titoli eżekuttivi li jissemmew fl-artikolu 253, imma din il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni għaliex tqis li dak l-istess artikolu ma jagħtix rimedju f'każijiet fejn titoli eżekuttivi oħrajn magħrufa mil-liġi jitqiesu bħala titoli eżekuttivi taħt l-artikolu 253;

---

[8] Art. 253(b) tal-Kap 12
[9] Art. 256(2) tal-Kap 12
[10] P.A. AE **19.11.2012** fl-Atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Lucy Portelli vs Anthony Mamo*** (mhux pubblikat)

Illi ma għandux ikun hemm dubju lanqas li kuntratt ta’ firda personali huwa titolu eżekuttiv u jagħti lok, fiċ-ċirkostanzi partikolari, għall-eżegwibilta’ tar-rabtiet li l-partijiet ikunu għamlu fil-konfront ta’ xulxin;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, ladarba l-proċedura maħsuba fl-artikolu 258 tgħodd biss meta jkun għalaq iż-żmien li titolu eżekuttiv ikun għadu eżegwibbli u sewwasew biex jingħata l-provvediment biex jerġa’ jsir eżegwibbli mill-ġdid, jiġi li din il-proċedura ma tistax tintuża fejn iż-żmien imsemmi dwar it-titolu eżekuttiv li jkun ma jkunx għadu għadda kollu jew ma jkunx beda għaddej. Fi kliem ieħor, il-ħsieb tal-artikolu 258 m’huwiex dak li tiddikjara lill-parti intimata bħala persuna midjuna (għalkemm tista’ tintuża biex tistabilixxi kemm mid-dejn reklamat fit-titolu eżekuttiv ikun għadu dovut), iżda biss biex tirrendi t-titolu eżegwibbli mill-ġdid. Fejn it-titolu huwa eżegwibbli u għadu m’għaddiex iż-żmien tal-effettivita’ tiegħu, ma hemmx bżonn tar-rimedju taħt l-imsemmi artikolu 258;

Illi r-rikorrenti wriet id-diffikulta’ li ltaqgħet magħha biex taqbad u tirrikorri għall-ħruġ ta’ att eżekuttiv minnufih bis-saħħa tal-imsemmi kuntratt tal-firda personali. Hija tqis li qabel ma l-Qorti tiddikjara li l-imsemmi kuntratt huwa eżegwibbli mill-ġdid, hija ma tistax tmexxi ’l quddiem bl-eżekuzzjoni tiegħu. Dan it-tħassib tar-rikorrenti jidher mistħoqq meta wieħed iqis li t-terminu tat-tliet snin imsemmi fl-artikolu 258 huwa wieħed ta’ dekadenza u mhux wieħed ta’ preskrizzjoni u fejn għalhekk “biex dak it-titolu eżekuttiv jerġa’ jieħu effikaċja, jista’ jiġi rinnovat biss bil-ministeru tal-Qorti”[11];

Illi għal dak li jirrigwarda r-raġuni għaliex ir-rikorrenti fetħet din il-kawża, jiġifieri l-kreditu ta’ ħlas ta’ manteniment b’lura li l-intimat naqas li jħallasha, il-Qorti għandha biss id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti dwar meta tħallset l-aħħar u l-prospett maħluf. Tirrileva biss li, għall-finijiet tal-artikolu 258, kull skadenza pretiża mir-rikorrenti li ma ilhiex dovuta lilha aktar minn tliet snin qabel ma nfetħet din il-kawża ma jidhirx li tista’ tinġabar bħala kreditu bis-saħħa ta’ din is-sentenza, għalkemm dan ikun jista’ jsir bil-modi l-oħrajn maħsuba mil-liġi ladarba l-kuntratt ta’ firda personali jerġa’ jsir eżegwibbli, kif sejjer ikun bis-saħħa ta’ din is-sentenza;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi billi:

[11] P.A. **4.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea Testaferrata noe vs Borġ et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.55**)

**Tilqa’ t-talba** tar-rikorrenti Eileen Busietta u tiddikjara li l-kuntratt ta’ firda personali tas-17 ta’ Ġunju, 1982 fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri eżegwibbli mill-ġdid għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi; u li l-kreditu pretiż mir-rikorrenti taħt l-istess kuntratt isir daqstant ieħor eżegwibbli kontra l-intimat f’dak li jirrigwarda l-pretensjonijiet tar-rikorrenti li jirreferu għal żmien ta’ qabel tliet (3) snin mit-13 ta’ Settembru, 2013;

**Bl-ispejjeż** kontra l-intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------